**6 ta' Ottubru, 1992**

**Imħallef: –**

**Onor. Victor Caruana Colombo LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Lawrence *sive* Wenzu Degabriele

**Rikors ta' Appell – Nuqqas ta' Indikazzjoni ta' l-Ewwel Qorti – Nullità**

*In-nuqqas ta' indikazzjoni fir-rikors ta' appell ta' liema kienet il-Qorti li tat is-sentenza li minnha sar l-appell tirrendi l-appell null.*

Il-Qorti: –

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Lawrence Degabriele li bih ippremetta:

Illi huwa kien akkużat talli fil-Mosta fil-5 ta' Novembru, 1988 għall-ħabta tas-7.30 p.m. flimkien ma' persuni oħra bil-ħsieb li jagħmel delitt wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt u ċjoè serq mill-fond "Villa Panoramic" sitwata f'Tal-Wej Road, Mosta għad-detriment ta' Michael Sant mill-Mosta liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali mill-volontà tiegħu, liema reat hu aggravat bil-vjolenza, mezz, ammont, lok u bil-ħin kif ukoll ipprova jisraq mill-fond *plot* numru 55, sitwata f'Santa Margerita *Estate*, Mosta, għad-detriment ta' Paul Azzopardi liema delitt hu aggravat bil-vjolenza, valur, mezz, lok u ħin kif ukoll talli għamel ħsara volontarja għad-dannu ta' l-istess Paul Azzopardi liema ħsara teċċedi l-ħamsin lira Maltija (Lm50), iżda ma teċċedix il-mitt lira Maltija (Lm100) u talli huwa sar reċidiv b'diversi sentenzi tal-Qrati tagħna;

Illi b'sentenza datata 12 ta' Frar, 1992 l-Ewwel Onorabbli Qorti sabet lir-rikorrent ħati ta' l-akkużi kollha dedotti kontra

tiegħu u kkundannatu għal piena ta' priġunerija għal żmien tmintax (18)-il xahar u ordnat illi mill-imsemmi perijodu għandu jitnaqqas il-perijodu ta' kemm dam miżmum taħt arrest preventiv;

Illi r-rikorrent ħass ruħu aggravat bis-sentenza mogħtija kontra tiegħu u għalhekk kien qiegħed jinterponi appell mill-istess sentenza u talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata u timponi piena li tagħmel iżjed għall-każ;

Rat l-eċċezzjoni tan-nullità tar-rikors imsemmi ta' l-appell stante li minn imkien fir-rikors ma jirriżulta liema kienet il-Qorti li tat is-sentenza li minnha sar l-appell, liema eċċezzjoni ġiet sollevata mill-Avukat Ġenerali fil-11 ta' Ġunju, 1992;

U billi l-fatti huma kif premessi f'dik l-eċċezzjoni;

Tilqa' l-istess eċċezzjoni, tiddikjara null ir-rikors ta' l-appell, u f'dak is-sens tiċħad l-istess appell.